MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 149/1997/1

Michael Micallef
vs
Air Supplies and Catering Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u fil-perjodu infraskritt huwa sofra diversi ingustizzji billi:

a) Kienet giet ezercitata pressjoni psikologika qawwija fuqu mid-dirigenti tas-socjeta` intimata u diversi drabi, b’mod abbuziv u irragonevoli, kien kostrett jaghmel xoghol li ma kienx jaqa’ fil-parametri tal-kariga li huwa kien jokkupa, jigifieri dik ta’ ufficjal ezekuttiv.

b) Fuq il-post tax-xoghol kienet saret diskriminazzjoni bejnu u bejn persuni ohrajn rigward l-impjieg tieghu u

dwar hatriet u promozzjonijiet mas-socjeta` intimata li ghalihom kien intitolat.

c) Kien gie eskluz diversi drabi minn promozzjonijiet ghall-grad ta' manager mas-socjeta` intimata, u dan minkejja li huwa kien wiehed mill-applikanti u kandidati, jekk mhux l-aktar applikant u kandidat idoneju ghal din il-hatra.

d) Minkejja d-diversi weghdi li kienu sarulu mill-oghla dirigenti tas-socjeta` intimata ghall-hatra fil-grad ta' manager, huwa kien gie maqbuz u terzi persuni gew preferuti minfloku minkejja li huwa kellu esperjenza vasta f'diversi oqsma relatati mal-grad ta' manager u dan a differenza ta' diversi persuni ohrajn li kienu gew mahtura minfloku.

2. Illi l-fatti fil-qosor li jesponu l-kaz tar-rikorrent kienu dawk indikati fid-dikjarazzjoni tal-fatti li giet annessa mar-rikors u markata dokument ittra "A".

3. Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku mmarkat dokument ittra "B" li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal illi jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu u dan skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi maqtuh:

a) Illi kienet giet ezercitata pressjoni psikologika qawwija fuqu mid-dirigenti tas-socjeta` intimata u b'mod abbuziv u irragonevoli ghal diversi drabi kien kostrett jaghmel xoghol li ma kienx jaqa' fil-parametri tal-kariga li huwa kien jokkupa.

b) Illi huwa kien sofra diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol tieghu dwar hatriet u promozzjonijiet mas-socjeta` intimata li ghalihom kien intitolat.

c) Illi kien gie eskluz diversi drabi minn promozzjonijiet ghall-grad ta’ manager mas-socjeta` intimata, u dan minkejja li huwa kien wiehed mill-applikanti u kandidati, jekk mhux l-aktar applikant u kandidat idoneju ghal din il-hatra.

d) Illi huwa kien gie maqbuz u terzi persuni gew preferuti minfloku ghall-promozzjoni fil-grad ta’ manager minkejja d-diversi weghdi li kienu sarulu ghall-hatra ta’ manager mill-oghla dirigenti tas-socjeta` intimata, u minkejja li huwa kellu esperjenza vasta f’diversi oqsma relatati mal-grad ta’ manager u dan a differenza ta’ diversi persuni ohrajn li gew mahtura minfloku.

U ghalhekk jigi ordnat illi:

a) Illi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta’ manager mas-socjeta` intimata u dan b’effett b’lura mid-data ta’ meta huwa kien intitolat li jigi promoss ghal din il-kariga, jigifieri mill-ewwel ta’ Jannar tas-sena 1993; u/jew

b) Illi jinghata kumpens finanzjarju ekwivalenti ghad-differenza fil-paga li hemm bejn il-kariga ta’ executive officer u dik tal-grad ta’ manager, b’effett b’lura mill-1 ta’ Jannar tas-sena 1993.

Ra d-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-Air Supplies & Catering Co. Ltd. li eccepiet:

Illi l-allegazzjoni maghmula fir-rikors ta’ Michael Micallef jimmeritaw jigu michuda kompletament ghar-ragunijiet segwenti:

1. Hija infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-Kumpanija fuq imsemmija qatt agixxiet b’mod diskriminatorju fil-konfront tieghu.

2. Hija infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma gie moghti l-ebda promotion meta kien tassew haqqu. Ir-

rikorrent ma kienx gie maghzul ghall-kariga ta’ Manager Personnel and Administration & Manager Customer Care wara r-rispettiva interview – liema interview saret b’mod regolari – fejn gie meqjus mhux addattat ghall-kariga in kwistjoni minhabba n-nuqqassijiet tieghu waqt li kellu l-kariga ta’ Executive Officer. L-ebda applikant, fost dawk kollha li applikaw fi hdan il-Kumpanija, ma kien gie meqjus bhala adattat ghal tali kariga, filwaqt li l-kariga ta’ Manager Customer Care giet moghtija lil Angie Azzopardi abbazi tal-fatt li dahlet sens ta’ dixxiplina kbira fl-istess dipartiment. Ir-rapport ta’ l-ezaminaturi u l-avviz ta’ l-interview gew mehmuza mar-rikors bhala appendici A u B.

3. Hija infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-General Manager irrifjuta li b’xi mod ikollu xi kuntatti mieghu. Il-policy tal-Kumpanija kienet li tigi mharsa l-gerarkija stabbilita f’din il-Kumpanija u ghalhekk kull istruzzjoni li kienet giet moghtija lir-rikorrent, kienu gew moghtija minghand l-Manager Personnel & Administration minhabba l-fatt li kien hu s-superjuri dirett tar-rikorrent u mhux il-General Manager. Kien fil-fatt ir-rikorrent li harab kwalunkwe kuntatt mal-General Manager u mhux bil-maqlub.

4. Il-Kumpanija ma taqbilx mal-fatt li l-istruzzjonijiet moghtija lir-rikorrent biex jinvolvi ruhu f’materji ta’ amministrazzjoni u mhux f’dawk ta’ Personnel kienu bla ebda raguni. Fil-fatt l-ghan ta’ dan l-arrangament kien li ghalkemm Manager for Personnel & Administration” wiehed huwa bizzejjed dan ta’ l-ahhar kellu jkollu tahtu mpjegati li jistghu jittrattaw ma’ materji li jirrigwardjaw l-impjegati li jahdmu fil-qasam ta’ l-amministrazzjoni.

5. Hija nfondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-laqghat tal-Management bdew wara suggeriment ta’ l-istess rikorrent.

6. Il-kambjament fil-karigi tal-Management kienu kambjamenti normali u kollha maghmula bl-intenzjoni li jtejbu l-operat ta’ l-Air Supplies jew ta’ l-Air Malta Group of Companies. Fil-fatt tnejn minn dawn il-Managers hallew il-kariga taghhom fil-Kumpanija wara li gew offruti impjieg ma’ l-Air Malta.

7. Hija nfondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li r-Retail Manager ma kellux f'kwalunkwe istanti permess tax-xoghol.

8. Ir-rikorrent stess ammetta li kien ghamel xoghol simili ghal dak ta' handyman nonostante l-fatt li kienu jghidulu biex ma jaghmilx dak it-tip ta' xoghol. Ghalhekk ir-rikorrent, filwaqt illi kien jigi mhallas bhala 'Executive Officer" huwa kien jittraskura d-dmirijiet tieghu biex jaghmel dawk ta' handyman.

9. Huwa fondat il-fatt li r-rikorrent kien gie mistoqsi biex jinvolvi ruhu fl-ghadd tal-fliexken u l-kaxex. Izda din ma kenitx intiza biex tumilja r-rikorrent, izda kienet necessarja sabiex wiehed jipprova jnaqqas id-diskrepanzi serji li kien hemm fl-istock. Dan ix-xoghol kellu jigi mwettaq mill-"Manager Inflight", "Officer Inflight" u skrivan iehor. Fiz-zmien li r-rikorrent kien jigi mistoqsi li jaghmel dan it-tip ta' xoghol, id-diskrepanzi kienu hafna akbar u hu kien l-impjegat l-aktar addattat ghal dak it-tip ta' xoghol.

10. It-trasferiment tar-rikorrent ghall-Finance Department kien dovut ghan-nuqqas ta' hegga da parti tieghu. Ir-rikorrent kien baqa' jahdem b'mod insodisfacenti f'dan id-dipartiment il-gdid u l-Kumpanija kienet imgieghla titrasferih lura lill-Personnel & Administration Section".

11. Fl-1993, ir-rikorrent darbtejn ghadda c-cwievet ta' l-istore of fixed assets tal-Kumpanija li gew fdati lilu, lil terza persuna sabiex hu jkun jista jmur jirrikordja programm fuq ir-radju. (Il-korrispondenza giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Appendici C).

12. Fl-1994, ir-rikorrent kiser il-policy stretta tal-Kumpanija ghar-rigward tac-cwievet minhabba l-fatt li hu kien ghamel kopji zejda taghhom. (Ara appendici D u E)

13. Il-Kumpanija pruvat tuza l-kapacitajiet tar-rikorrent billi ttih xoghol li ghandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet pubblici izda hu rrifjuta.

14. Ir-rikorrent irrifjuta li jikkollabora mal-Management tal-Kumpanija u sahansitra li jattendi ghall-bibiti u okkazzjonijiet simili meta l-General Manager kien prezenti.

15. Ir-rikorrent kien abitwalment jordna lil membri ta’ l-istaff sabiex iharsu diversi xogholijiet, nonostante l-fatt li dan kien specifikatament jaghmel parti mid-dmirijiet tieghu. Din id-delegazzjoni tad-dmirijiet da parti tar-rikorrent lahqet hafna drabi livelli inaccettabli u ghalhekk setghet biss tigi kkunsidrata bhala nuqqas ta’ dmirijiet tieghu.

16. Mhux talli ma kienx hemm diskriminazzjoni kontrih, izda r-rikorrent kien gie moghti hmistax-il lira Maltija bhala monthly allowance ghat-trasport ghalkemm hu ma kienx intitolat ghal tali allowance. (Id-dokument rispettivi gew mehmuzin mar-rikors bhala Appendici F).

17. Barra minn hekk il-“General Manager” irrakkomanda l-Board li meta xi karozza tal-Kumpanija kienet ser tinbiegh, din kellha tigi offruta lir-rikorrent skond il-written down value, nonostante l-fatt li kienet tiswa hafna aktar. Ir-rikorrent thalla jhallas ghat-tali karozza fuq perjodu ta’ sentejn minghajr interessi.

18. Ir-rapport annwali li pprezenta r-rikorrent juri li huwa impjegat medejokri u ghalhekk mhux kandidat ideali ghal xi promotion. (Dokumenti mehmuzin mar-rikors bhala Appendici G).

Ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ikkonferma d-dikjarazzjoni li kien ghamel u li tinsab fol 2, 3, 4 u 5 tal-process. Fiha semma illi fil-prezent jahdem fil-kariga ta' ufficcjal ezekuttiv fid-Dipartiment tal-Personnel wara amministrazzjoni ta' l-Air Supplies and Catering Company Limited u ilu jokkupa din il-kariga sa minn Novembru 1985. Precedentement huwa kien jahdem fit-taqsima ta' l-ahbarijiet fil-Union Press u in segwitu bhala second secretary fil-Missjoni Permanenti ta' Malta ghall-Gnus Maghquda fi New York. Sostna li kien stumentali biex f'Malta twaqqaf ic-centru tal-Gnus Maghquda dwar l-Anzjani.

Semma li wara l-bidla fil-Gvern fl-1987, hu gie msejjah lura fl-impjieg sostantiv tieghu jigifieri bhala Ufficjal Ezekuttiv ta' l-Air Supplies and Catering Company Limited. Semma li bejn l-1987 u l-1989 hu nghata trattament relattivament gust fil-kumpanija. Zied li fl-1989 kien inbidel il-General Manager u kien inhatar is-Sur Robert Laurenti u l-modus vivendi tar-rikorrent mas-Sur Laurenti kien wiehed sodisfacenti u infatti s-Sur Laurenti kien inkarigah biex jorganizza t-trasfriment tal-hwienet tad-Duty Free tal-Kumpanija u l-bonded stores mill-ajruport il-qadim ghall-ajruport il-gdid.

Is-Sur Laurenti stess skond ir-rikorrenti wara t-twettieq ta' dan ix-xoghol, kien wieghed lir-rikorrent li kien se jaghtih promozzjoni ta' Manager 'over all' biex imexxi l-operazzjonijiet kollha tad-Dipartimenti ta' l-Air Supplies, konnessi mal-hwienet duty free fl-ajruport il-gdid. Izda gara li meta s-Sur Laurenti kien ipprezenta l-lista tal-hatriet ghall-ajruport il-gdid quddiem ic-Chairman tal-Kumpanija, is-Sur Mizzi, dan qallu li Michael Micallef kellu jibqa' fejn kien, jigifieri l-head office, ghax ghalih kellu lest xoghol iehor, izda din il-weghda baqghet qatt ma twettqet.

Ir-relazzjonijiet tieghu mal-Kumpanija bdew sejrin ghal aghar. Fl-1993 minflok is-Sur Laurenti kien inhatar is-Sur Walter Izzo. Ir-rikorrent kompla bix-xoghol normali tieghu.

Fil-25 ta’ Novembru 1992 kien hareg avviz biex jimtlew vakanzi ta’ Manager Personnel u Manager Customer Care u r-rikorrent applika ghal dawn iz-zewg karigi. Dwar il-vakanza ta’ Manager tal-Personnel din il-vakanza inholqot ghaliex il-Manager li kien hemm irrizenja u r-rikorrent sostna li hu kien is-successur naturali tieghu peress li huwa kien jokkupa l-hatra ta’ Ufficjal Ezekuttiv, hatra li tigi ezatt taht dik ta’ Manager Personnel.
Hu kien hadem ghal 17-il sena bhala gurnalista fi hdan l-akbar trade union fil-pajjiz u ghal erba’ snin shah serva bhala l-korrispondent industrijali ghall-gurnali tieghu fit-Tribunal ta’ l-Arbitragg oltre erba’ snin fil-Joint Management Committee ta’ l-Istamperija. Izda r-rikorrent ma gie maghzul ghal ebda kariga u l-kariga ta’ Manager Customer Care kienet inghatat lill-persuna li minn semplici Supervisor fid-Duty Free Shop inghatat erba’ promozzjonijiet f’daqqa inkluz din il-hatra l-gdida. Waqt illi l-hatra ta’ Manager Personnel damet bosta xhur vakanti imbaghad imtliet bla mistenni mis-Sur Joe Abdilla impjegat ma’ l-Air Malta li gie sekondat apposta ma’ l-Air Supplies biex jiehu din il-hatra. Hu kien jahdem fit-taqsima tal-finanzi ta’ l-Air Malta u qatt ma hadem f’xi sezzjoni tal-personnel ta’ l-Air Malta. Semma wkoll li din il-persuna hija ta’ twemmin politiku differenti minn dak tar-rikorrent.

In segwitu kienu dahlu seba’ Managers godda. Minn dawn zewg managers tal-Finanzi tkeccew. Manager iehor tal-finanzi irrizenjat ghax kien se jkollha tarbija. Manager iehor ta’ l-Informatika mar ma’ l-Air Malta kif ukoll Manager iehor tal-Finanzi u skond ir-rikorrent dan iffiser li fi zmien tliet snin il-kumpanija bidlet erba’ managers tal-finanzi.

Zied ighid li meta kien il-Union Press kien imexxi kumpanija ta` 130 ruh u kien isegwi r-relazzjonijiet industrijali ta’ dan il-pajjiz. Semma li bhala manager tal-personnel ippretenda li kienet adatta ghalih minnflok ghal bniedem li gie ma’ l-Air Malta li fl-opinjoni tieghu ma kellux dik l-esperjenza.
Sostna li r-relazzjonijiet tieghu kemm ma l-ewwel manager li kellu cioe` is-Sur Mamo kif ukoll mat-tieni manager li

kien is-Sur Bobby Laurenti ir-relazzjonijiet kienu eccellenti u kien biss mas-Sur Walter Izzo li r-relazzjonijiet kienu hziena.

Xehed Robert Laurenti li llum il-gurnata hu Chief Executive mal-Employment and Training Corporation u li bejn l-1987 u l-1994 kien Chief Executive mal-Air Supplies and Catering Company Ltd. Meta kien lahaq Chief Executiv ir-rikorrent kien qieghed impjegat hemmhekk pero` ma kellux rwol daqshekk definit. Hu kien juza lir-rikorrent fil-kazijiet difficli u semma fost l-ohrajn il-kaz ta’ meta spicca l-General Manager u dan kien ried izomm il-karozza tal-ufficcju id-dar u permezz tar-rikorrent kien rnexxielu jehodha lura. Semma wkoll l-istess dwar xi brochure li jkun difficli tiktbu pero` li kien jaghmlu r-rikorrent minhabba li kellu pinna tajba.

Huwa dejjem kien jiddeliverja tajjeb f’kull xoghol difficli li kien jigi assenjat lilu.

Xehed Leo Bartolo li kellu l-kariga ta’ Retail Manager u kien ilu impjegat mal-Air Supplies ghal dawn l-ahhar 24 sena. Semma li r-rikorrent dahal bhala Executive Officer u kien jahdem fl-In Flights Section li taghha kien Manager. Zied li l-performance tar-rikorrent kienet tajba u zied li peress li hu jifhem tajjeb fl-industrial relations u meta kienu jinqalghu problemi mal-istaff kien isibu komdu biex jirranga dawn il-problemi. Fl-1992 kien hemm vacancy ghal Manager tal-personnel u x-xhud kien ha over hu ghal xi zmien biex jimla l-vojt li kien thalla.

Fil-kaz ta’ Manager Customer Care, il-General Manager Walter Izzo kien dar fuq is-Sur Farrugia u kien staqsieh lil min jirrakkomanda wara l-interviews u dan qallu li qed jirrakkomanda lit-tfajla. Walter Izzo qabel maghha wkoll u hu spicca biex qabel maghhom. Fil-kaz ta` Manager Personnel kienu ohrajn li hadu d-decizjoni li tibqa’ in abeyance u hu ma jafx b’din id-decizjoni.

Xehed Joseph Abdilla li jahdem mal-Air Supplies fil-kariga ta` Manager In Flight. Semma li r-relazzjonijiet tieghu mar-rikorrent kienu dejjem tajba fuq ix-xoghol.

Xehdet Isabelle Grima li tahdem mal-Air Supplies bhala Officer. L-attendenza tar-rikorrent kienet wahda regolarissima waqt ix-xoghol. Qalet li r-rikorrent kien hemm diversi drabi li kellu konflitti mal-General Manager Walter Rizzo.

Xehed Walter Izzo Group Head fl-Air Malta. Semma li peress li riedu jwarrbuh minn nofs biex jilhaq Tony Meilaq kienu offrewlu tlett possibiltajiet u cioe` mal-Air Supplies, mal-Marsovin jew mal-Bel Air l-Ingilterra u hu kien ghazel l-Air Supplies ghax sostna li postu kien lura mal-Air Malta. Semma li fl-1981 mar bhala Financial Controller mal-Air Supplies pero` kien ukoll xi direttur ma' xi kumpaniji. Dam mal-Air Supplies sa l-1997.

Semma li fl-1990 gie re-instated mal-AirMalta. Semma li r-rikorrent kien ittimbrat kontra tieghu minhabba li hu kellu l-fama ta' Nazzjonalist ghalkemm hu ma jammettix dan il-fatt minhabba li mill-ghatba 'l gewwa hu ma jammettix politika fl-ufficcju u zied li wahda mir-ragunijiet ghaliex bata fl-1981 propju ghax ma riedx idahhal politika fil-finanzi. Fil-fehema tieghu r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' fuq fuq. Dwar il-karigi ta' Manager Customer Care kellu l-impressjoni li kienet applikat Angie Bugeja biss. Dwar il-Manager Personnel and Administration kienu applikaw Micallef u tnejn jew tlieta minn nies ohra u ma kien intghazel hadd u wara li kellem lis-Sur Tabone dan kien issuggerielu li jigi trasferit Joe Abdilla ghal dan il-post. Semma li Leo Bartolo kien hass li r-rikorrent ma kienx adegwat ghal dan ix-xoghol. Kienu ddecidew favur Angie Bugeja minhabba li din kellha sens ta' dixxiplina. Hu kkritika lir-rikorrent fuq diversi incidenti.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ir-rikorrent ilmenta fuq diversi affarijiet fosthom li kien kostrett jaghmel xoghol li ma kienx jaqa' fil-parametri tal-kariga li huwa kien jokkupa hu kif ukoll fuq diskriminazzjoni kontra tieghu. Jinghad li fil-fatt fuq dawn l-aspetti r-rikorrent ma jistax jigi moghti ragun minhabba li l-kompetenza tat-Tribunal hija limitata kif definita fl-Artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997 u jaghmel referenza dwar

kompetenza ghas-sentenza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru 1999 u ghall-istess ragunijiet hemmhekk indikati jiddikjara ruhu inkompetenti ratione materiae dwar li r-rikorrent gie moghti xoghol li ma kienx jaqa' fil-parametri tal-kariga u li saret diskriminazzjoni kontra tieghu.

Jibqa' pero` l-ilment tar-rikorrent principali u cioe` l-fatt li ma giex moghti l-promozzjonijiet ghall-karigi ta' Manager Personnel and Administration u Manager Customer Care. Irrizulta fil-fatt li r-rikorrent huwa bniedem efficjenti u kapaci u habrieki. Veru li hemm xhieda definittivament kontra tieghu ta' Walter Izzo izda jidher li l-konflitt bejn iz-zewg persuni kien wiehed ta' natura politika fejn ghalkemm Izzo jichad dan certament li ma kienx hemm relazzjonijiet tajba xejn anke minhabba dan l-aspett.

Gie esebit rapport tad-decizjoni tal-bord dwar il-hatriet u dan it-Tribunal minghajr tlaqlieq jaghmilha cara li qatt ma ra rapport daqshekk miskin daqs dan ir-rapport kif jidher a fol 13 tal-process. Infatti fir-rapport li jitkellem dwar zewg karigi manigerjali jissemmew biss min huma l-applikanti u ebda raguni ta' bazi ghal xiex inghataw il-karigi. La gew esebiti allokazzjoni tal-marki u kemm marki ghal kull aspett. La gew esebiti certifikat ta' kwalifiki dwar l-applikanti, la giet esebita lista ta' min u f' liema karigi kienu jahdmu n-nies. La gew esebiti referenzi. Ma rrizultax mill-istess rapport li fil-fatt gew studjati l-personal files tal-individwi inkluz l-annual appraisal reports. Kull ma jintqal fir-rapport huwa "the candidates were evaluated on the basis of academic qualifications, general appearance, personality, experience, aptitude and the aptitude towards the job offered." Izda fil-fatt ma hemm ebda breakdown ta' marki u ebda evalwazzjoni taghhom. Inoltre jinghad illi "it was unanimously agreed that the following two candidates were found not siutable for the said post", Emanuel Calleja u Michael Micallef. "However Ms. Angele Bugeja was unanimously found siutable to fill the post of Manager Customer Care". It-Tribunal ihossu meraviljat kif persuna tista' taqbez erba' promozzjonijiet f' daqqa kif issemma fir-rikors u b' ebda mod kontrarjat mill-

provi. L-unika raguni li nghatat dwar din li kellha taqbez lill-ohrajn hija li din kellha sens ta' dixxiplina. Issa rrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn Bartolo li fil-fatt il-mod kif giet appuntata Manager Customer Care kien wiehed li jhalli hafna kummenti. Infatti skond Leo Bartolo l-hatra nghatat lil din wara li l-General Manager staqsa lil Joe Farrugia lil min jirrakkomanda u dan irrakkomanda lit-tfajla. Ragunijiet ma nghatawx izda sempliciment jidher li hemm rakkomandazzjoni ta' Joe Farrugia dwar Angele Bugeja.

Ukoll dwar il-kariga ta' Personnel and Administration din ma gietx moghtija lir-rikorrent. Infatti ma nghatawx ragunijiet validi ghaliex la Calleja u anqas Micallef ma gew accettati ghal din il-kariga u kull ma inghad hija li effettivament hassew li hadd minnhom ma jilhaq il-grad sufficjenti. Ir-ragunijiet fil-fehema tat-Tribunal ma humiex sufficjenti u l-fatti prodotti fil-kors tal-kawza jippruvaw l-oppost.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-kumpanija u peress li jsib li t-talba tar-rikorrent hi gustifikata dwar il-kariga ta' Manager Personnel and Administration jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-kariga ta' Manager Personnel and Administration b' effett mill-14 ta' Jannar 1993 u jitpogga fil-lista tas-seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar kif ukoll jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-kumpanija intimata.